MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 191/2009

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent A B u l-intimata C B nee' D zzewgu fl-1 ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. LC1;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra;

Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament i-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi.

Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-ewwel (1) ta’ Mejju, tas-sena elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (b), (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C B fejn din eccepiet:

Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li ma jissussistu ebda wiehed mic-cirkostanzi tal-artikolu 19 (b) (c) (d) tal-Kap. 255 li fuqu qed jibbaza t-talba tieghu r-rikorrenti attur.

Illi hija dejjem kienet mara ezemplari li dejjem assumiet ir-responsabilitajiet taghha bhala mara mizzewga u bhala omm tat-tifla li ghandhom il-partijiet.

Illi ghalhekk zgur li ma hemmx ragunijiet sufficjenti fil-ligi ghall-otteniment tal-annullament taz-zwieg taghha mal-attur.

Illi bla pregudizzju ghall-premess, anke jekk lil din il-Qorti jirrizultalha li t-talba tal-attur ghandha tigi milqugha, dan

ma ghandux ikun ghall-htijiet imputabbli lilha izda lill-attur u dan kif jirrizulta mill-kawza.

Illi hija ma ghandhiex tbati spejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fl-1991 wara gherusija ta' madwar tlett snin. Wara tmien snin zwieg u hafna problemi ta' infertilita', irnexxielhom ikollhom tarbija. Il-problemi bejn il-koppja li fil-bidu kienu jidhru zghar baqghu jikbru sakemm iz-zwieg sfaxxa. Ir-rikorrenti issa qieghed f'relazzjoni ma' persuna ta' nazzjonalita' Filippina u qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' ta' zwieg minhabba vizzju tal-kunsens minhabba zball fuq l-identita', qerq u difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. L-intimata qed topponi ghal din it-talba.

Il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghal dak li sostniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", (deciza fis-27 ta' Jannar, 2006):

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Ri-affermat dan, il-Qorti ghaddiet biex tezamina x-xhieda kollha prodotta u r-rilevanza taghha ghad-diversi kawzali invokati.

Ghar-rigward tal-invokat zball dwar l-identita' tal-persuna, il-Qorti ma tistax tifhem ir-raguni li ghaliha qed jissemma'

jekk mhux biex itawwal il-lista ta’ ragunijiet allegati. Ir-rikorrenti kien jaf ben tajjeb lil min ser jizzewweg. Ma ghamel l-ebda zball. Ma zzewwigx persuna b’ohra.

L-istess qed jinghad ghall-qerq allegat. F’din il-kawza tressqu diversi affidavit prolifici. Xejn fihom ma jwassal ghall-konkluzjoni li kien ir-rikorrenti vittma ta’ xi qerq.

“*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. F’dan il-kaz, il-Qorti tara li l-erba’ elementi jissussistu b’mod car*” (“**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**”, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fit-13 ta’ Marzu, 1995).

Kif ukoll “**Louis Agius vs Georgia Agius xebba Gauci**”, (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-19 ta’ Ottubru, 1988):

“*Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta’ “moral substitution” u kif spjegat mill-awturi (ara Wrenn L. “Annulment” pp 82 et seq) din tissussisti “when the quality is (i) an inherent property of the person, and not some isolated past action; (ii) present at the time of the wedding; (iii) grave either objectively or subjectively; (iv) unknown to the other party; (v) fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent. Lastly, the quality must provoke a crisis on discovery; otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial”*.”

Il-Qorti ma ssib ebda hjiel ta’ qerq. Hadd ma jidher li dahak b’hadd. Fl-ahhar ir-rikorrenti jsostni li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju a tenur tal-Art. 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-insenjament ta’ dawn il-Qrati fuq din il-materja gie spjegat mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza “**Sandra**

**Farrugia vs Raymond Farrugia**", (deciza fl-10 ta' Settembru 1997):

"*Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**Isabelle Zarb vs Stephen Attard**, gja' citata). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati, il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom.*"

Imbaghad fil-kawza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-26 ta' Ottubru, 2000):

"*Fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi minn dik il-fakolta' kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.*"

Ir-rikorrenti jressaq diversi affidavit tal-familjari tieghu in sostenn tal-allegazzjonijiet tieghu partikolarment rigward hwejjeg finanzjarji. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn juru biss storja ta' zwieg li falla ghal diversi ragunijiet. Hafna minn dawn qishom fotokopji ta' xulxin. Madanakollu din ma

tistax titqies li tinvalida z-zwieg. Il-Qorti ssibha difficli tifhem li zwieg li dam ghoxrin sena, l-ewwel tmienja minnhom fi sforzi tal-koppja biex ikollhom l-ulied, issa qed jigi kunsidrat bhala invalidu.

Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-26 ta' Ottubru, 2000):

"*Fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi minn dik il-fakolta' kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara, "**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri**", P.A., 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ("**Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt**", P.A., 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, "**Jacqueline Cousin v. Bernard Simler**", P.A., 3/6/98; "**Rosanne Cassar v. Kenneth Cassar**", P.A., 19/10/98; u "**Carmelo Grima v. Mary Andrews**", P.A., 2/11/98).*"

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax kif l-unika xhieda bl-affidavit moghtija minn persuna li mhux familjari tal-koppja hija dik ta' sacerdot li qatt ma kellem lill-mara, ilu jaf lir-ragel biss xi erba' snin u li jasal biex jghaddi gudizzju tant estrem fuq iz-zewg persuni b'tali mod li jasal ghall-

konkluzjoni drammatika li jaghmel fl-ahhar paragrafu tal-affidavit tieghu.

Li jaf is-sacerdot huwa dak li qallu r-rikorrenti u l-Qorti tawgura li ma qallux bir-relazzjoni extra-maritali tieghu ghaliex kieku jaf, zgur li ma kienx jasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt wasal ghaliha.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis li, minkejja d-diversi affidavit taz-zewg partijiet, it-tnejn mimlijin allegazzjonijiet fiergha u tghajjir bla bzonn, ir-rikorrenti ma rnexxielux jipprova t-talba tieghu.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------